XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 416*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 44*
*Il-Ġimgħa 10 ta' Settembru, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.40pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 415 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-31**

**2. Bring in Sites fi Triq Rotunda**

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Ġannina Farrugia li toqgħod fi Triq Indipendenza kantuniera ma' Triq Rotunda. Ġannina Farrugia qalet li ġiet biex tingħata informazzjoni dwar x'sar minn naħa tal-Kunsill dwar l-ilment tagħha u ħutha li lmentaw dwar il-Bring in Sites li tpoġġew fi Triq Rotunda. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Perit Saliba kien qallu li fil-Pjazza San Ġwann Battista m'hemmx post fejn isiru dawn il-Bring in Sites. Ġannina qalet li sa fejn taf hi Triq Rotunda, fejn tpoġġew il-Bring in Sites, għadha privata. Hija talbet lill-Kunsill biex jikseb informazzjoni dwar dan u jekk jirriżulta li din il-parti tat-triq għadha privata, il-Bring in Sites għandhom jitneħħew. Il-Kunsill qabel dwar dan. Sadanittant il-Kunsill qabel li għandu jiprova jsib post alternattiv fejn dawn il-Bring in Sites jistgħu jitpoġġew.

**3. Tiġdid ta' Kuntratti**

**Contract Manager**:- Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ta' Contract Manager li għandna mal-Perit Saliba jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu dan il-kuntratt għal sena oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2011. Il-Perit Saliba se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni.

**Kuntratt għat-Tindif ta' Toroq Urbani**:- Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntratt dwar tindif ta' toroq urbani li għandna ma' Xewkija Tigers FC għalaq fil-31 ta' Awwissu 2010. Il-

Kunsill qabel li għandna nġeddu dan il-kuntratt għal sitt xhur oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fit-28 ta' Frar 2011. Il-kuntrattur Xewkija Tigers FC se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni.

## 4. Bring in Sites fi Triq Torri Tingi

F'dan il-ħin preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Charlie u Mary Attard u Anthony Xuereb. Is-Sinjuri Attard joqgħodu fi Triq Torri Tingi fejn qrib tagħhom hemm il-Bring in Sites filwaqt li Anthony Xuereb joqgħod l-Għarb iżda għandu dar ukoll fl-istess inħawi ta' Triq Torri Tingi. Huma qed jilmentaw dwar l-istess Bring in Sites u qed jitolbu biex jitneħħew. Charlie u Mary Attard ġabu ritratt (Dok. A - 1) li juri kif fid-dar tagħhom qed ikun hemm insetti li qatt qabel ma raw bħalhom u anke ma jistgħux jeħilsu minnhom. Huma ġabu ritratt ieħor (Dok. A - 2) tal-Bring in Sites kif tħallew bl-iskart fuqhom il-Ħadd 5 ta' Settembru 2010. Huma qalu li l-iskart tpoġġa minn Maltin li qed jiġu għall-vakanza f'xi farm house li hemm fil-viċinanzi. Is-Sinjuri Attard qalu wkoll li huma ma jridux li dawn il-Bring in Sites jibqgħu hemm peress li t-tifel tagħhom kellu nċident meta kien żgħir u jibżgħu li dawn l-insetti jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tiegħu. Anthony Xuereb ukoll ilmenta dwar dawn il-Bring in Sites u qal li fid-dar tiegħu għandu bir u l-ilma tax-xita li jgħaddi minn taħt l-istess Bring in Sites qed jikkontamina l-ilma tal-bir.

Il-Kunsill qabel li għandha tinstab soluzzjoni biex jiġi żgurat li s-saħħa ta' kullħadd speċjalment tat-tifel ma titpoġġix f'xi periklu. Il-Kunsill qabel li nipruvaw insibu post alternattiv fejn dawn il-Bring in Sites jistgħu jitpoġġew. Ġie suġġerit li jitpoġġew fi Triq Ħġejjeġ fejn il-Ġnien ta' Blankas. Il-Kunsill qabel li mmorru fuq il-post biex naraw jekk hux possibbli li dawn jitpoġġew hemm. Dwar l-iskart li tpoġġa fuq il-Bring in Sites nhar il-Ħadd 5 ta' Settembru, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Greenpak dwar dan biex jieħdu azzjoni u jżommu l-Bring in Sites dejjem fi stat nadif.

## 5. Skema ta' Għajnuna dwar Attivitajiet 2011

Memo 95/2010 kienet tittratta dwar skema ta' għajnuna biex isiru attivitajiet kulturali. Kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, saret l-applikazzjoni dwar l-attivita tal-Karnival. Il-Kunsill iltaqa wkoll mal-għaqdiet interessati biex issir attivita kulturali f'Ġunju 2011. L-għaqdiet li attendew għal-laqgħa li saret fl-20 ta' Awwissu u wrew interess li jikkordinaw biex issir din l-attivita kienu l-Ghaqda tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar, Banda Prekursur u l-Għaqda Drammatika tax-Xewkija. Nhar l-Erbgħa 15 ta' Settembru ser issir laqgħa oħra biex tiġi finalizzata l-applikazzjoni.

## 6. Skema ta' Għajnuna dwar Inizjattivi Sportivi 2011

Memo 121/2010 kienet tittratta dwar skema ta' għajnuna biex isiru attivitajiet sportivi għas-sena 2011. Il-Kunsill qabel li l-inizjattivi sportivi li ħadna din is-sena kienu suċċess u għalhekk għandna nerġgħu naplikaw biex ikomplu jsiru s-sena d-dieħla. Għalhekk ser issir l-applikazzjoni biex jiġu organizzati sezzjonijiet ta' General Fitness, Aerobics, Schools on the Move u Pilates.

## 7. Offerta dwar is-Servizz ta' Ġbir ta' Skart

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet attendiet l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Munxar meta nfetħu l-offerti dwar is-servizz ta' Ġbir ta' Skart. Din l-offerta saret flimkien mal-Kunsill tal-Munxar, Ta' Sannat u x-Xagħra. Għalhekk għad trid issir laqgħa flimkien ma' dawn il-Kunsilli Lokali biex tiġi diskussa din l-offerta. L-uniku offerta li ntefgħet sal-ħin tal-egħluq kienet dik ta' KIP Għawdex Ltd. Ir-rata għal dan is-servizz tal-erbgħa Kunsilli flimkien hija ta' €606 kull ġurnata. Din ir-rata tiżdied kull sena u ssir €633 it-tieni sena, €661 it-tielet sena u €691 r-raba' sena.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u nnota li r-rata hija għolja. Il-Kunsill innota wkoll li kien hemm dokumenti nieqsa fl-offerta li ntefgħet u l-kuntrattur konċernat permezz ta' ittra annessa mal-istess dokument tal-offerta li tefa', għamel kundizzjonijiet differenti minn dawk mitluba fl-offerta tal-Kunsilli Lokali. Fost oħrajn fl-ittra tiegħu kiteb li r-rata għandha tiżdied b'€14 għal kull Kunsill kuljum. Dan ikun ifisser €56 żieda fuq ir-rata ta' kuljum imsemmija hawn fuq.

## 8. Materja oħra

i. Helen Buttiġieġ ta' Triq Gorgion talbet biex teħel mera tat-traffiku fi Triq Kav L. Z Haber kantuniera ma' Triq Gorgion (fejn ta' Vella Bros.) peress li hemm kantuniera perikoluża ħafna. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta u jekk tiġi approvata teħel il-mera tat-traffiku.

ii. Peter Jones ta' Triq San Leonard, talab biex quddiem sqaq fl-istess triq isiru sinjali sofor tat-traffiku biex ħadd ma jipparkja. Huwa qal li qed jipparkjaw vetturi quddiem l-isqaq bil-konsegwenza li ma jkunx jista' joħroġ bil-vettura tiegħu mill-istess sqaq. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta u jekk tiġi approvata jsiru s-sinjali sofor.

iii. Michael Pace ta' Triq Kraba lmenta dwar il-fatt li residenti li joqgħodu fi flats fl-istess triq qed joħorġu l-iskart wara li jgħaddi tal-iskammil u għalhekk jibqa' hemm sal-għada filgħodu meta jerġa' jgħaddi tal-iskammil. Huwa ppropona sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lil dawn ir-residenti dwar dan l-inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li peress li fi ftit tal-ġimgħat oħra ser issir kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni tal-iskart m'hemmx għalfejn jibgħat ittra lil dawn ir-residenti biss. Il-Kunsill flimkien mal-Greenpak, wara li jiġi magħżul l-kuntrattur dwar ġbir ta' skart, ser jibgħat flyers b'informazzjoni dwar ġbir ta' skart separat u se jinkludi wkoll il-ħinijiet tal-ġbir ta' skart ieħor. Għalhekk ir-residenti kollha tax-Xewkija ser ikollhom l-informazzjoni dwar dan.

iv. Joe Caruana ta' Triq Arc. Ciantar talab biex titpoġġa pot bix-xtieli fl-istess triq, in-naħa tal-post tiegħu. Il-Kunsill qabel li m'hemmx spazju fejn titpoġġa din il-pot peress li l-bankina mhix wiesa' bizzejjed.

v. Charles Spiteri ta' Triq il-Bennejja, talab lill-Kunsill biex jitneħħew it-tabelli ta' 'No Parking for Heavy Vehicles' li hemm fl-HOS Tal-Barmil. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta iżda ġie suġġerit biex issir 'except for residents'. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta dwar din il-proposta.

vi. Francis Pace li għandu l-'Youth Centre' fi Triq il-Knisja, ippropona li fl-istess triq isiru road humps. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

vii. Sarah Grima ta' Triq San Publiju, talbet biex isiru sinjali sofor 'l isfel mill-garaxx tagħha fl-istess triq kantuniera ma' Triq il-Kbira. Hija qed tilmenta li meta jipparkjaw ma' ġenb il-garaxx, ma tkunx tista' iddaħħal/toħroġ il-vettura tagħha. It-Transport Malta diġa approvaw li jsiru sinjali sofor f'din it-triq peress li kelna talba oħra ftit tal-ġimgħat ilu u għalhekk ix-xogħol mistenni li jsir dalwaqt. Is-sinjali sofor ser isiru fil-kantuniera skond kif approvat mit-Transport Malta.

viii. Sylvia Galea ta' Triq Ta' Ġokk, talbet informazzjoni dwar l-ilment li kienet għamlet rigward il-fanali li hemm fi Ġnien Castelvenere. Hija qed tilmenta li l-fanali (globi) qed jitfgħu d-dawl il' fuq u jidħol fil-kmamar tad-dar tagħha u dan qed ikun ta' inkonvenjent speċjalment fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li ssir 'shade' fil-globi u b'hekk id-dawl ma jibqax jitfa' 'l fuq ukoll. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Teddy Mizzi se jieħu ħsieb jara x'inhu l-aħjar li jista' jsir.

ix. John Portelli ta' Triq Rotunda, talab li jingħata materjal biex jirranġa l-bankina tiegħu. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal li għandu bżonn.

x. Anġolina Azzopardi ta' Triq Torri Tingi, talbet biex isir Storm Water Culvert fl-istess triq peress li qed tibża' li meta tagħmel ix-xita jidħol l-ilma. Peress li s-Sinjura Azzopardi m'għandix bankina, il-Kunsill xi snin ilu kien aplikalha biex issir bankina u b'hekk tista' titnaqqas din il-problema. Meta l-ħaddiema kienu marru biex jagħmlu l-bankina, hija ma ħallithomx jagħmluha peress li qalet li bil-bankina jista' jkun li l-problema tibqa' hemm. Hi talbet biex isir l-storm water culvert. L-storm water culvert jinvolvi spejjeż kbar peress li dan ma jistax isir quddiem ir-residenza tas-Sinjura Azzopardi biss iżda jrid jibqa' nieżel għal Triq Ħġejjeġ wkoll biex fejn jintefa' l-ilma ma jkunx ta' nkonvenjent għal residenti oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel li dan il-water culvert ikun jista' jsir meta jkolna l-finanzi meħtieġa.

xi. Rose Spiteri ta' Triq in-Narċis, talbet biex teħel lampa ġdida fi Triq il-Kav. L. Z. Haber (lejn il-Heliport). Il-Kunsill ma qabilx li għandha teħel lampa. Ir-raġuni hija li peress li din hija zona mhux urbana, jekk it-triq ser isirilha d-dawl, trid issir it-triq kollha u mhux parti minnha biss.

xii. Dwar il-laqgħa li għandha ssir biex tiġi diskussa l-berġa tax-Xewkija, Dr Livori talab li nipproponu ġurnata u ħin (mhux wara s-1.00pm) biex tkun tista' ssir laqgħa. Is-Sindku se tinforma lill-Kunsill meta din il-laqgħa tkun tista' ssir.

xiii. Jeanelle Attard ta' Sqaq Nru 1 Triq Indipendenza, talbet lill-Kunsill biex jagħti isem lill-istess sqaq peress li qed ikun hemm problemi bil-posta. Il-Kunsill qabel li peress li dan l-isqaq fil-futur għandu jinfetaħ triq, l-isem tat-triq jingħata dak in-nhar. Biex tissolva l-problema tal-posta l-Kunsill qabel li għandna nordnaw l-isem tal-isqaq u jeħel fil-kantuniera ma' Triq Indipendenza peress li m'hemm xejn x'jindika li dak huwa Sqaq Nru 1, Triq Indipendenza.

xiv. Is-Sindku pproponiet li jsiru sinjali sofor f'parti minn Triq Santa Katerina (fil-kantuniera fejn hemm mera tat-traffiku) peress li qed jipparkjaw karozzi u qed ikun hemm periklu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser naplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta u jekk tiġi approvata jsiru s-sinjali sofor.

xv. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li jsiru sinjali sofor fi Triq is-Salib kantuniera ma' Triq Sant'Indrija peress li qed ikun hemm periklu tat-traffiku meta karozzi jipparkjaw f'dik il-kantuniera. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser naplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta u jekk tiġi approvata jsiru s-sinjali sofor.

xvi. Il-Perit Saliba bagħat kopja tal-pjanta tal-latrina pubblika tal-pjazza kif ġiet emendata wara li l-Kunsill kien għaddielu s-suġġerimenti tiegħu. Il-Kunsill qabel li għad iridu jsiru xi emendi oħra għal din il-pjanta. Għalhekk il-Perit se jiġi nfurmat bl-emendi li l-Kunsill jixtieq jagħmel.

xvii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien ġab kwotazzjoni dwar sistema tal-alarm minn għand Alberta. Is-sistema li għandu l-Kunsill bħalissa qed tagħmel ħafna false alarms u dan l-aħħar xhur kemm 'l darba s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku jew xi ħadd mill-istaff kellhom jiġu l-Kunsill anke f'ħinijiet ta' bil-lejl u ma jkun hemm xejn ħażin. Barra minn hekk is-sistema preżenti, il-Kunsill irid iħallas €375 fis-sena (għall-monitoring). L-istima tal-alarm tal-Alberta hija ta' €800.63. Dan ikun ħlas ta' darba u ma jkunx hemm iżjed spejjeż. Il-Kunsill qabel li nordnaw biex tiġi installata din is-sistema.

xviii. Il-Perit Saliba bagħat kopja tal-pjanta dwar traffic Management fi Triq Torri Tingi, ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta tat-traffiku u qabel li jridu jsiru xi emendi għal din il-pjanta. Għalhekk il-Perit se jiġi nfurmat bl-emendi li l-Kunsill jixtieq jagħmel.

**<u>9. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. Transport Malta approvaw biex isiru sinjali sofor fi Triq il-Kbira u Triq San Publiju. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw biex isir ix-xogħol meħtieġ.

ii. Transport Malta ma appovawx il-proposta tal-Kunsill biex Triq San Bert issir 'No Entry for Heavy Vehicles'. Biex din tkun tista' tiġi approvata l-Kunsill irid jindika toroq alternattivi minn fejn jistgħu jgħaddu l-vetturi l-kbar.

iii. L-Arċ. Mons Carmelo Mercieca talab il-koperazzjoni tal-Kunsill biex kif isir ta' kull sena norganizzaw l-attivita tal-isports li ssir fi żmien il-Festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din l-attivita sportiva.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru, 2010 fis-6.30pm.

XEWKIJA

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku

Dokument A

Ritratti preżentati minn Charlie u Mary Attard (ref :- paġna 2, par. nru 4)

1.



2.



XEWKIJA

**Skeda ta' Pagamenti**

Data: 10.09.2010 | Nru: 6-31

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Judges Wirja Annimali | Charlot Borg | 100.00 | 8200 |
| 2 | Judge Wirja Annimali | David Bagshaw | 50.00 | 8201 |
| 3 | Judges Wirja Annimali | Laurence Cauchi | 100.00 | 8202 |
| 4 | Cancelled | | | 8203 |
| 5 | Judge Wirja Annimali | Carmel Farrugia | 80.00 | 8204 |
| 6 | Tindif Awissu 2010 | Publia Xerri | 60.00 | 8205 |
| 7 | Tindif Awissu 2010 | Pauline Xerri | 60.00 | 8206 |
| 8 | Kont tat-telefon | Go plc | 199.10 | 8207 |
| 9 | Cement | J.C.R. Ltd. | 23.30 | 8208 |
| 10 | Servizz Refuse Collection Awissu 2010 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2697.79 | 8209 |
| 11 | Pjanti/Pots eċċ | Il-Ġardina | 345.00 | 8210 |
| 12 | Xogħol Ta' Trejsu | Joseph Magro | 906.96 | 8211 |
| 13 | Servizz ta' J.C.B.(toqob tal-festa) | P & J Debono Cons. Ltd. | 82.60 | 8212 |
| 14 | Traffic Mirror | Guillamier Ltd. | 57.72 | 8213 |
| 15 | Kors General Fitness/Aerobics | Radu Gheorghe | 630.00 | 8214 |
| 16 | Servizz Lulju 2010 | Accountant Public Clean. | 282.53 | 8215 |
| 17 | Tech Note re biological T. Plant | Lino Bianco A & CE | 1085.72 | 8216 |
| 18 | Re- Mġarr ix-Xini Regional Park | L & R Car Hire Garage | 1246.00 | 8217 |
| 19 | Delivery of Blades | Gozo Express Services | 11.80 | 8218 |
| 20 | Rental of car/fuels | University of Malta | 737.86 | 8219 |
| 21 | Filming Għar ix-Xiħ & DVD | Philip Cassar | 120.00 | 8220 |
| 22 | Ta' Blinkas (Gov. Prop. Div.) | Lino Bianco A & CE | 197.85 | 8221 |
| 23 | Servizzi Wirja tal-Annimali etc. | Guard&Warden Serv. Ltd. | 183.06 | 8222 |
| 24 | Bowżers ilma - Tisqija Lulju 2010 | Richard Attard | 230.00 | 8223 |
| 25 | Cold Mix | Road Cons. Co.Ltd. | 81.05 | 8224 |
| 26 | Stationery | Office Club | 281.25 | 8225 |
| 27 | Tindif Awissu 2010 | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8226 |
| 28 | Contract Manager Fees Awissu 2010 | Galea Curmi Eng. Cons. | 58.40 | 8227 |
| 29 | Pjanti u Survey | John Saliba A & CE | 365.00 | 8228 |
| 30 | Trofej Wirja Annimali | Horace Enterprises Ltd. | 1090.88 | 8229 |
| 31 | Attivita' S. Ġwann Qtugħ ir-Ras | Mario Borg | 120.00 | 8230 |
| 32 | Ħuġġieġa ta' San Ġwann | Donald Camilleri | 168.00 | 8231 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 33 | Website Hosting/Updating | Philip Cassar | 405.00 | 8232 |
| 34 | ADSL Library | Go plc | 30.07 | 8233 |
| 35 | Base & Extension of Urna-Ħuġġieġa | George Grech | 120.00 | 8234 |
| 36 | Re- Mġarr ix-Xini Regional Park | Supritendence of Cult. Her. | 540.59 | 8235 |
| 37 | Kors Ingliż | Alison Said | 180.00 | 8236 |
| 38 | Kors Clay Modelling | Hubert Saliba | 240.00 | 8237 |
| 39 | Kors Maths | Jeanelle Attard | 180.00 | 8238 |
| 40 | Kors Art Attack | Carolyn Vella | 180.00 | 8239 |
| 41 | Kors Flowers & Jewellery Beading | Nathalie Buttigieg | 240.00 | 8240 |
| 42 | Kors Story Telling | Vanessa Attard | 180.00 | 8241 |
| 43 | Re- Mġarr ix-Xini Regional Park | George Azzopardi | 681.29 | 8242 |
| 44 | Salarju u Bonus Settembru 2010 | Segretarju Eżekuttiv | 1540.41 | 8243 |
| 45 | Salarju u Bonus Settembru 2010 | Assistant Principal | 1248.61 | 8244 |
| 46 | Mayors' Allowances Settembru 2010 | Sindku | 411.33 | 8245 |
| 47 | Taxxa u Bolla Settembru 2010 | C.I.R. | 1099.33 | 8246 |
| 48 | Kors Art Attack | Carolyn Vella | 60.00 | 8247 |
| 49 | Cancelled | | | 8248 |
| 50 | Kors Malti | Frances Sultana | 180.00 | 8249 |
| | | **Total €** | **20092.31** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V.
Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 416